MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tas-16 ta' April, 2012

Rikors Numru. 122/2012

**A B**

**-vs-**

**C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li permezz tieghu ir-rikorrenti ippremettiet:

Illi l-partijiet izzewgu fid-9 (disa') ta' Gunju tal-elf disa' mija u sitta u disghin (1996) (ara Dok A anness) u minn dan iz-zwieg ma kienx hemm tfal.

Illi l-partijiet ilhom legalment separati b'kuntratt redatt minn Nutar Doctor Mario Bugeja mis-6 (sitta) ta' Mejju tas-sena elfejn u tlieta (2003) (ara Dok B anness).

Illi m'hemm ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom disa' snin mifrudin,

illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin u sahansitra ffurmaw rabtiet ma' persuni ohrajn.

Illi skont l-anness kuntratt ta' separazzjoni personali (ara Dok B anness klawsola numru 1) il-partijiet irrinunzjaw definittivament ghal kull jedd taghhom li jitolbu u jew jircievu manteniment minghand xulxin bl-aktar mod irrevokabbli u assolut.

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal ksib tad-divorzju skont l-artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talbet li l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti javza lid- Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat ir-risposta tal-intimat, li *in forza* taghha huwa eccepixxa :

1. Illi l-esponenti jaqbel mal-fatti kif esposti mir-rikorrenti;
2. Illi ghalhekk ma jopponix ghat-talbiet rikorrenti, b’dan pero’ illi m’ghandux ibaghti l-ispejjez tal-procedura odjerna;

Rat id-digriet taghha tal-5 ta’ Marzu, 2012;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat illi ir-rikorrenti ikkonfermat ir-rikors taghha bil-gurament;

Semghet lill-intimat jixhed;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti illi ir-rekwiziti mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul gew sodisfatti u dana peress illi gie ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-6 ta’ Mejju 2003;

Illi gie ippruvat illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u gie ippruvat illi minn dan iz-zwieg ma kienx hemm tfal u illi skond il-kuntratt ta’ separazzjoni personali iffirmat mill-partijiet, il-partijiet kienu irrinunzjaw definittivament ghal kull jedd taghhom li jitolbu, jew jircievu manteniment minghand xulxin;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------